MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 466/2013

**BANK OF VALLETTA** p.l.c. (C 2833)

vs

Emanuel **MAMO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-16 ta' Mejju, 2013, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti pubbliċi tal-21 ta' Novembru, 2003 u tas-16 ta' Diċembru, 2003 (u hawn esebiti bħala Dokument "A u B") partikolarment imma

mhux esklussivament billi huwa (a) naqas milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess l-imħarrek li jipperikolaw jew jaffetwaw tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta□ħazin il-possibilita attriċi; u

(ii) tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' wieħed u sittin elf ħames mija u tlieta u erbgħin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€61,543.67) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Account"* tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok Ċ1 sa Ċ5 u D1 sa D5) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Marzu, 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-socjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fiż-żewg kuntratti pubbliċi tal-21 ta' Novembru 2003 u 16 ta' Diċembru 2003, fl-atti tan-Nutar John Gambin billi l-imħarrek naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jolqtu ħazin il-possibilta tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' wieħed u sittin elf ħames mija u tlieta u erbgħin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€61, 543.67) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Account*" tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mid-29 ta' Marzu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrek biex iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------